Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,546, 5 ta' Diċembru, 1997
Taqsima B

A.L. 208 ta' l-1997

ATT TA' L-1993 DWAR KUNSILLI LOKALI (ATT NRU. XV TA' L-1993)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq)

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija bil-paragrafu (f) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 u bl-artikolu 72 ta' l-Att ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali, il- Ministru tal-Ġustizzja u Kunsilli Lokali għamel ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq), u għandhom jinqraw u jinftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1995 dwar Kunsilli Lokali (Tismija ta' Toroq), hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 176 ta' l-1995.

Jemenda r-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:–

"(2) It-tismija jew tismija mill-ġdid ta' toroq ġewwa lokalità, toroq oħra u kull area speċifikata għal persuni tista' biss issejjaħ wara l-mewt ta' dawk il-persuni.".